KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 19** **L- Erbgħa 3 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-ufficċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:12pm)
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis- 18:30pm)
Rachel Abela – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:31pm)
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Chantelle Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**MISTEDNIN:**
Adrian Mifsud – Konsulent tat-Tenders tal- Kunsill
Dr. Mario Mifsud – Avukat tal- Kunsill

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

### 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr illi rċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsillier Portelli. It-talbiet ta' skuża ġew milqugħa mill-Kunsilliera preżenti nem. con.

### 19.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 18

#### 19.2.1 Korrezzjonijiet mill- Minuti numru 18

Il-Minuti numru 18 kienu approvati mingħajr ebda korrezzjonijiet mill-membri preżenti nem. con.

**19.2.2 Aġġornamenti mill- Minuti numru 18**

**18.3.4 SPI/SCI/02/2024 - Komunitajiet aktar b' saħħithom u inklussivi**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Bord t' evalwazzjoni tad-DLG rigward il-Pjan t' azzjoni fejn il-Kunsill spjega li ser ikun hemm xi bdil minuri fl-iskop ta' din l-iskema, kif elenkat f minuti numru 18. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-bord t' evalwazzjoni talab reviżjoni fil-BOQ u l-pjanti t'installazzjoni tal-bollards. Il-Kunsillier Grech stqarr illi jista jipprovdi dawn il-pjanti fil-ġranet li ġejjin sabiex jiġu sottomessi.

**18.3.5 Permess tal- ERA – Siġar Ġnien Reġġie Cilia Sigar ta' Reġġie Cilia (*Eucalyptus*)**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li Project Green ikkonfermaw li t-talba tikkonċerna biss il-qlugħ ta' tliet (3) siġar tal-Eucalyptus li ġew ikkonfermati bħala mejta, bħala parti mill-proġett ta' rinovar ta' Ġnien Reggie Cilia.

Project Green informaw wkoll lill-Kunsill li l-permess maħruġ mill-ERA għadu validu, u għaldaqstant, il-proċess se jkompli skont il-permessi eżistenti.

**18.5.2 Qargħasel**

Is-Sindku qal lill-Kunsillier Bayliss sabiex tipprovdi xi aġġornamenti dwar xi affarijiet speċifiċi fuq Qargħasel, inkluż il-kant, l-ikel u x-xorb partikolari marbuta mal-qara ħamra u l-għasel. Huwa żied jgħid li kulħadd qed jistenna b'ħerqa għal din l-attività u jixtieq jara li tkun ta' suċċess.

18:21 Il- Kunsillieri preżenti qablu li ssir sospensjoni tal- laqgħa biex ikun diskuss f'punt 19.5.2 li tirrigwarda l'evalwazzjoni tat-tender b'referenza: KLMT-01-2024 Urban and Non-Urban Street Sweeping Services in the Locality of Mosta, using Environmentally Friendly Service Vehicles.

**19.5.2 KLMT-01-2024 Urban and Non- Urban Street Sweeping Services in the Locality of Mosta, using Environmentally Friendly Service Vehicles.**

Is-Sindku, flimkien mal-Konsulent tat-Tenders Adrian Mifsud u l-Avukat tal-Kunsill Dr. Mario Mifsud, ippreżentaw ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tat-Tenders relatat ma' din l-iskema.

Wara d-diskussjoni, ġie propost vot mill-membri tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat illi jindika illi l-offerti m'għandhomx jiġu milqugħa minħabba li l- Kunsill m'għandux il-flus sabiex iħallas għal dan is-servizz.

- Proponent: Sindku Joseph Gatt
- Sekondant: Thomas de Martino

Riżultat tal-Votazzjoni:

- Favur: 11– il-Kunsillieri kollha preżenti.
    - Il-Minority Leader esprima l-qbil tiegħu wkoll, iżda kkwalifika l-validità tad-deċiżjoni billi insista li għandha tittieħed inkonsiderazzjoni l-email riċevuta mid-Dipartiment tal-Kuntratti, kif ukoll ir-referenza magħmula mill-Kunsillier Grech.
- Kontra: 1 – il-Kunsillier Grech, fuq il-bażi ta' email datata 24 ta' Mejju 2025 mingħand ex Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti.
- Astensjonijiet: Xejn.

Għaldaqstant, is-Sindku talab il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward il-komunikazzjoni li saret madwar is-suġġett tal-Cleansing and Maintenance Division (CMD). Huwa ġie spjegat li s-Segretarju Eżekuttiv kien ċċirkola email lil kull Kunsillier bil-kontenut rilevanti u b'aktar ċarezza dwar il-proposta f'konsiderazzjoni.

Il-proposta tinkludi diversi elementi relatati mas-servizzi ta' tindif u manutenzjoni fil-lokalità, jiġifieri:

- Street sweeping (tindif tat-toroq urbani u mhux urbani);
- Il-passaġġi tal-ġonna (eskluż iż-żoni bil-ħamrija)
- Bins u dog bins kollha;
- Skeda ta' ħasil tal-pjazza ;
- Servizzi ta' tindif relatati mal-festi pubbliċi;
- U l-użu ta' waste compactor għall-ġestjoni effiċjenti tal-iskart.

Wara li ttieħdu inkonsiderazzjoni l-punti kollha msemmija, il-Kunsillieri kollha preżenti approvaw unanimament li l-Kunsill ikompli d-diskussjonijiet mal-Cleansing and Maintenance Division (CMD) sabiex dawn is-servizzi jiġu diskussi b'mod aktar dettaljat u jitkomplew il-proċessi meħtieġa.

Deċiżjoni: Il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament (nem. con.)

**19.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**19.3.1 Applikazzjoni tal- Jobsplus – Impjieg Skala 10**

Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv stqarru li ħarġet l-approvazzjoni għal skala 10 mid-DGL kif ukoll mill-Jobsplus, fejn l-ewwel toħroġ sejħa interna, umbad wara tinfetaħ mal-Kunsilli reġjonali u lokali, umbad tkun ppublikata mal- jobsplus.

**19.4 Tweġibiet għall- mistoqsijiet tal- Kunsillieri**

Il-Kunsillieri ma preżentaw ebda mistoqsijiet fuq il-ħidma tal-Kunsill.

**19.5 Rapporti**
**19.5.1 Onorifiċenza Ġieħ il- Mosta**

Il-Viċi Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-attività ta' Jum il- Mosta ser issir nhar is-16 ta' Settembru ġewwa Pjazza Torri fi Triq it- Torri, u żied jgħid li qegħdin isiru l-bookings għal kull aspett organizzattiv meħtieġ għall-avveniment bħal- ikel, xorb, kantanti etċ.

Inqraw l-applikazzjonijiet, dawk li ġew sottomessi fiżikament kif ukoll onlajn, ta' persuni nominati għall-onorifiċenzi Ġieħ il-Mosta u Mertu il-Mosta. Il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament (nemine contradicente) li n-nomini ta' persuni li m'għadhomx ħajjin għandhom jitħallew jgħaddu għall-fażi ta' evalwazzjoni bħalma sar fis-snin ta' qabel. Il-proċess finali tal-għażla ser isir online, fejn jintgħażlu r-rebbieħa.

In-nomini għal Ġieħ il-Mosta kienu: John Mary Camilleri, Mikhail Scicluna, Joseph Falzon (late), Francis Deguara, Dr Emanuel Schembri, Luke Micallef Perconte (sekondanti neqsin – nomina invalida), Savio Deguara, u Luke Zerafa (sekondanti neqsin – nomina invalida).

In-nomini għal Ġieħ jew Mertu il-Mosta kienu: Elaine Attard u Mario Borg (late).

In-nomini għal Mertu il-Mosta kienu: Daniel Fenech u Mary Tonna.

Wara l-proċess ta' votazzjoni, ġew determinati r-rebbieħa. Għal Ġieħ il-Mosta, ir-rebbieħa kienu John Mary Camilleri (unanimament), Francis Deguara, u Dr. Emanuel Schembri. Għal Mertu il-Mosta, ir-rebbieħa kienu Mario Borg, Savio Deguara, u Joseph Falzon.

Il-Kunsill iddeċieda li jitwaqqaf kumitat żgħir biex jikkoordina l-preparazzjoni tal-attività ta' Jum il-Mosta. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie inkarigat li jinforma lir-rebbieħa bid-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa u joħroġ l-istediniet uffiċjali relatati mal-attività.

**19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**19.6.1 Skeda tal-Pagamenti**
l- Iskeda ta' Pagamenti numru 164 kienet approvata mill-Kunsillieri preżenti nem. con.

**19.6.2 Purchase Orders**
Il- lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**19.6.3 Works Orders**
Il-lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con

**19.7 Tmiem il- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet uffiċjalment fit-20:15 p.m. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti li l-Laqgħa Numru 20 tal-Kunsill Lokali se ssir nhar it-Tlieta, 7 ta' Ottubru 2025, fis-18:00pm, fl-uffiċini tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |